MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1582/2001/1

**Carmelo Caruana Distribution Services Ltd.**

**-vs-**

**Kontrollur tad-Dwana.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Settembru 2001, li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fis-snin 1995, 1996 u 1997 is-socjeta' attrici Carmelo Caruana Distribution Services Limited ("CCDS") impurtat u dahhlet gewwa Malta, wara rilaxx mill-Kontrollur tad-Dwana, *frozen beef burgers*.

Illi, meta bdiet timporta l-imsemmija *frozen beef burgers*, CCDS iddikjarathom, kif suppost, taht *HS Code 0202.30.90.00* u dana ghall-finijiet, *inter alia*, ta' l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali, Kap. 336.

Illi l-Kontrollur kien tal-fehma li l-klassifikazzjoni korretta kienet taqa' taht *HS Code 160250100* u, ghalhekk, irrifjuta din id-dikjarazzjoni ta' CCDS u d-dhul gewwa Malta tal-imsemmija *frozen beef* burgers taht *HS Code 0202.30.90.00*.

Illi, minhabba r-rifjut tal-Kontrollur u anki sabiex timminimizza l-konsegwenzi tal-istess, CCDS bdiet timporta l-istess *frozen beef burgers* taht l-*HS Code 160250100*, b'dan pero' li CCDS baqghet tinsisti li l-klassifikazzjoni korretta kienet dik originarjament uzata minnha, cioe', *HS Code 0202.30.90.00*.

Illi sussegwentement, u fuq insistenza ta' CCDS, irrizulta lill-Kontrollur tad-Dwana li l-fehma tieghu dwar il-klassifikazzjoni ta' l-prodotti in kwistjoni kienet skorretta u li dik korretta kienet *HS Code 0202.30.90.00* kif kienet sostniet sa mill-bidu nett CCDS (ara ordni numru 16/98 mahruga mill-Kontrollur, kopja hawn annessa u mmarkata Dok CCDS 1).

Illi, bhala rizultat tal-iskorrettezza u/jew in-negligenza tal-Kontrollur tad-Dwana fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-prodotti *de quo*, CCDS kellha thallas, u fil-fatt hallset, imposti (*levies*) taht l-Kap. 336 fl-ammont ta' mija u erbatax-il elf hames mija u tnejn u erbghin lira (Lm114,542) li ma kienux dovuti, u dana kif jirrizulta, *inter alia*, mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok CCDS 2 sa Dok CCDS 35.

Illi, ghal dawn ir-ragunijiet, CCDS ghandha dritt ta' rifuzjoni ta' l-imposti minnha imhallsa minghajr ma kienu dovuti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-Kontrollur kien skorrett u/jew negligenti fir-rigward tal-kwistjoni tal-klassifikazzjoni tal-*frozen beef burgers de quo* meta ddecieda li l-imsemmija prodotti jaqghu (*inter alia* ghall-finijiet ta' l-Kap. 336) taht *HS Code 160250100* u meta, konsegwentement, irrifjuta d-dikjarazzjoni originali ta' CCDS ta' l-imsemmija prodotti taht *HS Code 0202.30.90.00* u l-importazzjoni taghhom gewwa Malta kif hekk dikjarati;

2. Tiddikjara li bhala konsegwenza ta' l-iskorrettezzi u/jew n-negligenza tal-Kontrollur imsemmija fl-ewwel talba, CCDS kellha thallas, kif fil-fatt hallset, imposti (*levies*) fl-ammont ta' mija u erbatax-il elf hames mija u tnejn u erbghin lira (Lm114,542) li ma kienux dovuti;

3. Tordna, konsegwentement, lill-Kontrollur jirrifondi lil CCDS is-somma ta' mija u erbatax-il elf hames mija u tnejn u erbghin lira (Lm114,542) rapprezentanti l-imposti (*levies*) li ma kienux dovuti.

Bl-interessi mid-data ta' l-prezentata ta' din ic-citazzjoni, u bl-ispejjez kontra l-Kontrollur li hu sa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Hector Naudi I.D 30150(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-30 ta' Novembru 2001 li permezz taghha l-konvenuta eccepixxa:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' notifika lill-Avukat

Generali bic-citazzjoni ai termini tal-artiklu 181B(3) tal-Kap 12.

2. Preliminarjament stante n-nuqqas ta' interpellazzjoni gudizzjarja ai termini tal-artiklu 460 tal-Kap 12, l-azzjoni ma setghet qatt tkun intavolata.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-preskrizzjoni tal-azzjoni ghat-talba ghal hlas lura ta' taxxa ta' importazzjoni bit-terminu ta' sentejn ai termini tal-artiklu 8(2) tal-Kap 336.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li din hija azzjoni biex ikun impunjat ghemil amministrattiv, l-azzjoni hija tardiva u perenta peress li skada t-terminu tas-sitt xhur li fih persuna tista' taghmel din l-azzjoni, u dan ai termini tal-artiklu 469A(3) tal-Kap 12.

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illum din il-Qorti ma tistax tbiddel ftehim bejn il-partijiet dwar in-natura tal-prodott li sar qabel ma l-prodotti in kwistjoni gew rilaxxati u ghalhekk l-ewwel talba u l-azzjoni bazata fuqha huma barra l-gurisdizzjoni tal-qorti.

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta' interess guridiku min-naha tas-socjeta' attrici fit-talbiet imressqa minnha f'din l-azzjoni stante li hija diga' thallset lura t-taxxa kollha mhallsa minnha, u anke ghamlet profitt fuqhom, meta bieghet l-imsemmija prodotti.

7. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istat ta' fatt li minnu tilmenta s-socjeta' attrici huwa rreversibbli u kieku kellu jinbidel ikun ifisser illi s-socjeta' attrici bieghet il-prodotti bi prezz oghla minn dak permess mil-ligi.

8. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-*levy* li s-socjeta' attrici qighda tilmena li hallset indebitament thallset abbazi ta' dikjarazzjonijiet maghmula mill-istess socjeta', liema dikjarazzjoni kienet tikkostitwixxi obbligazzjoni accettata mis-socjeta' attrici fil-*customs entries*, u ghalhekk il-pagament mhux repetibbli fit-terminu tal-artiklu 1022 tal-Kodici Civili.

9. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt a bazi tal-artiklu 20A tal-Kap 337, li jipprovdi li tali talbiet ma jistghux ikunu vantati hlief jekk ikunu sodisfatti r-rekwiziti tal-istess artiklu.

10. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illum m'ahniex f'pozizzjoni nivverifikaw il-veracita' tat-talbiet attrici, peress li qeghdin fl-impossibilita' li nezaminaw il-prodotti, u nikkomparaw id-dokumenti mal-prodotti fil-fatt importati f'dak iz-zmien.

11. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu respinti bl-ispejjez.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut.

Ikkunsidrat.

Ghal skopijiet prattici il-Qorti se tqis l-ewwel ir-raba' eccezzjoni illi hija fis-sens illi l-kawza ma gietx intavola entro' s-sitt xhur imsemmija fl-artikolu 469A tal-Kap 12.

Billi fic-citazzjoni ma hemmx indikat li l-kawza qed issir taht dan l-artikolu l-Qorti se tesamina jekk dan huwiex il-kaz. Is-socjeta' attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni illi l-agir tal-konvenut illi iddecieda li l-prodotti taghha kienu jaqghu taht certa kategorija ghall-iskop tal-kap 136 kienet skorretta.

Id-definizzjoni ta' *eghmil amministrattiv* taht is-subartikolu 2 tal-imsemmi artiklu hija;

*Il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ... li jsir minn awtorita' pubblika.*

Il-fatt li l-atturi qed jitolbu d-dikjarazzjoni imsemmija fuq il-bazi li l-istess agir kien illegali jidher li jinkwadra ruhu taht is-subartikolu 1 meta jghid illi hemm gurisidizzjoni tal-Qrati meta l-eghmil in kwistjoni *ikun x'mod kontra l-Ligi.* Ghalhekk l-ordni li ta il-konvent u illi jirrigwardja lis-socjeta attrici ghall-istess raguni taqa' taht l-artiklu imsemmi. L-attur qed isostni fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li l-kawza ma tinkwadrax taht dan l-artikolu izda huwa qed jitlob rifuzjoni ta' hlasijiet li saru indebitament. Madankollu fil-fehma tal-Qorti t-talba taghhom hija dipendenti ghal kollox fuq l-ewwel talba li hija appuntu talba ghal dikjarazzjoni li decizjoni kienet skorretta. Allura ghandu ragun l-konvenut jghid li l-kawza saret skond il-parametri tal-Artiklu 469 A.

Stabbilit dan, wiehed irid jara jekk l-eccezzjoni imsemmija ghandhiex tigi milqugha. Il-fatti huma li l-azzjoni giet intavolata fit-28 ta' Sttembru 2001 fir-rigward ta kaz li gara fl-1997. Ghalhekk il-kawza saret ferm wara z-zmien konsentit skond l-imsemmi artiklu.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Co-op Services Limited vs Awtorita’ dwar it-trasport pubbliku deciza fil-25 ta’ Settembru 2003;

*Illum hu stabbilit li z-zmien ta’ sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469 A tal-Kap 12 hu wiehed ta’ dekadenza (ara sentenza G.Zammit vs Awtorita’ tal-Ippjanar PA 2 ta’ Frar 2000). Dan ifisser li tali terminu ma jigix interrot jew sospiz bhal ma jigri fil-kaz tat-terminu ta’ preskrizzjoni. Fi kliem iehor l-atti gudizzjarji li normalment jitqiesu bhala tajbin biex jinterrompu l-perjodu preskrittiv, jew il-fatt li jkunu ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-eghmil amministrattiv ma jservu xejn biex izommu l-moghdija ta’ sitt xhur li ssemmi l-Ligi.*

*.... Il-Ligi ma tghidx li iz-zmien jibda ghaddej minn meta l-parti interessata tircievi taghrif formali jew ufficjali miktub dwar id-decizjoni. Tghid biss li z-zmien ta’ sitt xhur jibda jghaddi minn dak in nhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b’ dak l-eghmil, liema data tigi l-ewwel.*

Minhabba f’dan li gia’ intqal il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol fil-mertu tat-tielet eccezzjoni.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa r-raba’ eccezjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjes ghandhom jigu sapportati mis-socjeta' attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------